

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA

Il-Ministeru tal-Intern

Id-Digriet ta' XXX

li jemenda l-karatteristiċi tal-pjanċi ta' reġistrazzjoni ta' vetturi b'reġistrazzjoni temporanja skont l-iskema WW jew ir-reġistrazzjoni ta' garaxx W

NOR:

Gruppi fil-mira: *manifatturi tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni, aġenziji tal-infurzar tal-liġi, professjonisti tal-karozzi u sewwieqa.*

Għan: *l-għan ta' dan il-Digriet huwa li tinholq pjanċa ta' reġistrazzjoni speċifika u li tista' faċilment tiġi identifikata għall-vetturi rreġistrati b'mod proviżorju b'WW jew f'garaxx W. Din il-pjanċa għandha tkun roża u għandu jkollha d-data tal-iskadenza taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni temporanja skont l-iskema WW.*

Dħul fis-seħħ: *Dan id-Digriet għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2026.*

Applikazzjoni: *dan il-Digriet huwa test awtonomu.*

Il-Ministru tal-Istat, il-Ministru tal-Intern u l-Ministru għall-Ippjanar tat-Territorju u d-Deċentralizzazzjoni

Wara li kkunsidraw id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika, flimkien man-notifika Nru mibgħuta lill-Kummissjoni Ewropea fil-.....;

Wara li kkunsidraw il-Kodiċi tat-Triq, b'mod partikolari l-Artikoli R. 317-8, R. 322-3 u R. 322-4 tiegħu;

Wara li kkunsidraw id-Digriet tad-9 ta' Frar 2009 li jstabbilixxi l-karatteristiċi u l-mod kif jitwaħħlu l-pjanċi ta' reġistrazzjoni tal-vetturi;

Wara li kkunsidraw id-Digriet tal-15 ta' April 1996 dwar il-pjanċi tan-numri retroriflettivi, kif emendat;

B'dan jordnaw:

Artikolu 1

Id-Digriet tad-9 ta' Frar 2009 imsemmi hawn fuq huwa emendat kif ġej:

1. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 7 huwa supplimentat bis-sentenza li ġejja: "Għal vetturi b'reġistrazzjoni temporanja skont l-iskema WW, id-data ta' skadenza tar-reġistrazzjoni proviżorja għandha tiġi riprodotta fuq il-pjanċa ta' reġistrazzjoni, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Anness 7 ta' dan id-Digriet. ”.

2. Fl-Anness 7, jiżdied il-punt 4., li jaqra kif ġej:

“4. Reġistrazzjoni temporanja skont l-iskema WW u r-reġistrazzjoni ta' garaxx W

“In-numru tar-reġistrazzjoni għandu jiġi riprodott fuq kull pjanċa tar-reġistrazzjoni b'karattri suwed fuq sfond roża. Id-data tal-iskadenza tar-reġistrazzjoni temporanja skont l-iskema WW (xx/ss) hija riprodotta fiż-żona funzjonali tal-pjanċa, fit-tarf tal-lemin tagħha u f'karattri suwed fuq sfond roża. ”

Taqsim 2

Id-Digriet tal-15 ta' April 1996 imsemmi hawn fuq huwa emendat kif ġej:

1. Wara l-Artikolu 1, jiżdied l-Artikolu 1a:

“Artikolu 1a

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 ma japplikawx għall-pjanċi ta' reġistrazzjoni temporanji WW u għall-pjanċi ta' reġistrazzjoni ta' garaxx W murija b'ittri suwed fuq sfond roża. Madankollu, il-kulur roża jrid jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet kolorimetriċi stabbiliti fl-Anness għal dan id-Digriet. ”

2. It-tabella fl-Appendiċi 1 tal-Anness għad-Digriet tal-15 ta' April 1996 imsemmi qabel hija sostitwita bid-dispożizzjonijiet li ġejjin:

“Binhar:

Kulur	1	2	3	4	Fattur ta' Luminanza
Abjad x	0.350	0.300	0.285	0.335	≥ 0.35
y	0.360	0.310	0.325	0.375	
Isfar x	0.545	0.487	0.427	0.465	
y	0.454	0.423	0.483	0.534	
Blu x	0.078	0.150	0.210	0.137	≥ 0.01
y	0.171	0.220	0.160	0.038	
Iswed x	0.385	0.300	0.260	0.345	
y	0.355	0.270	0.310	0.395	
Roża x	0.345	0.500	0.470	0.365	
y	0.155	0.195	0.295	0.280	

”

Artikolu 3

Dan id-Digriet għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2026.

Artikolu 4

Dan id-Digriet għandu jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali* tar-Repubblika Franċiża.

Iffirmat fi

Il-Ministru tal-Istat, Ministru tal-Intern
Għal u f'isem il-Ministru:
L-Uffiċjal għas-Sikurezza tat-Toroq
F. GUILLAUME

Il-Ministru għall-Ippjanar tat-Territorju
u d-Deċentralizzazzjoni,
Għal u f'isem il-Ministru:
Direttur Ġenerali għall-Enerġija u l-Klima,
S. MOURLON